MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 60/2002

Avukat Dottor Henry Antoncich LL.D.
fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju
tas-Soċjeta' estera Milesi Spa .

vs

International Timber Products Limited .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur nomine, wara li ppremetta :

Illi s-soċjeta' attriċi Milesi Spa biegħet u kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta International Timber Products Limited kwantita' ta' verniċ għall-injam skond fatture enumerati 572 u 609 datati d-29 ta' Settembru 2000 u t-13 ta' Ottubru 2000 rispettivament, u kopja ta' liema jinsabu hawn uniti u markati Dok. "A" u "B" ;

Illi fuq dina l-merce s-Soċjeta' konvenuta għad baqgħalha tħallas lis-Soċjeta' Milesi Spa l-bilance ta' disat elef, disa' mija u ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm9,925) ekwivalenti għal tnejn u għoxrin elf, tlett mija u tlieta u tletin euros (Euro 22,333) ġia tnejn u erbgħin miljun, tmien mija w erbat elef, disa' mija u tnejn liri taljani (42,804,932 ItL) kif jidher mill-kont hawn unit u markat Dok. "C" .
Illi s-soċjeta' istanti nterpelalt inutilment lis-soċjeta' konvenuta biex tħallas l-ammont minnha dovut .

Talab lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tikkundannaha tħallas lis-soċjeta' Milesi Spa kif rappreżentata s-somma ta' Lm9,925 jew dik is-somma fi flus maltin li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti għall-Euro 22,333 ġia ItL 42,804,932 bilanċ ta' somma akbar rappreżentanti prezz ta' verniċ għall-injam lilha mibjugħ u konsenjat kif fuq ingħad .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra interperllatorja tad-29 ta' Ottubru, 2001, tal-Mandat ta' Sekwestru preżentat kontestwalment, u bl-imgħax legali mit-13 ta' Jannar 2001 id-data ta' l-iskadenza tat-tieni fattura Dok. "B" kontra s-Soċjeta konvenuta nġunta għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li eċċepiet illi :

1. Illi l-pretensjonijiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi l-ħlas pretiż ma hu dovut għaliex is-soċjeta' kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta materjal li ma kienx tal-kwalita' pattwit bejn il-partijiet ;

2. Illi konsegwenza ta' dan, is-soċjeta' konvenuta sofriet danni sostanzjali bħalma jista' jiġi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawża '

3. Illi għalhekk is-soċjeta' attriċi kisret waħda mill-obbligi l-iktar elementari li kienu jirregolaw il-ftehim ta' bejn il-partijiet u s-soċjeta' konvenuta m'hijiex marbuta li tħallas l-ammont pretiż mill-istess attriċi .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .
Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata f'Lulju ta' l-elfejn u tnejn (2002) .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess soċjeta' konvenuta kkonfermata bil-ġurament ta' Joseph Scicluna .

Rat il-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta fejn, wara li ppremettiet illi :

Illi kif spjegat fiċ-ċitazzjoni s-soċjeta' konvenuta akkwistat mingħand is-soċjeta' attriċi kwantita' ta' verniċ għall-injam manifatturat mill-istess soċjeta' attriċi .

Illi l-materjal akkwistat mis-soċjeta' konvenuta ġie wżat in parti billi nbiegħ lil soċjeta' oħra assoċjata magħha li wżat l-istess fuq prodotti ta' l-injam, u biegħet il-bqija lil terzi għall-użu fil-manifattura ta' prodotti ta' l-injam .

Illi sussegwentement irriżulta li l-istess verniċ ma kellux il-kwalita' ossia l-proprjetajiet pattwiti u din is-soċjeta' spiċċat rinfaċċjata bi claims mill-klijenti tagħha u minn persuni li akkwistaw prodotti li fuqhom intuża dan il-materjal .

Illi l-esponenti rriferew l-istess claims lis-soċjeta' attriċi li kienet anki bagħtet esperti tagħha sabiex jivverifikaw l-ilmenti msemmija u eventwalment jirrakkomandaw rimedji .

Illi għalkemm is-soċjeta' attriċi ppromettiet li tagħmel verifiki ulterjuri u tgħarraf li din is-soċjeta' bir-riżultanzi, effettivament din mhux talli ma tat ebda tweġiba talli wisq inqas ipprovdiet ir-rimedju jew il-kumpens mistħoqq .

Illi proprju għaliex l-istess verniċ ma kienx tal-kwalita' u bil-proprjetajiet miftehma, din is-soċjeta' sofriet danni konsiderevoli kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża .

Illi għal dawn id-danni għandu jwieġeb l-attur nomine .

Talbet lill-attur nomine jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-prodotti kkonsenjati mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuti ma kienux tal-kwalita' miftehma u konsegwentement dik is-soċjeta hija responsabbli lejn is-soċjeta konvenuta għad-danni kollha minnha sofferti ;

2. Tillikwida dawn id-danni ;

3. Tikkundanna lis-so ċjeta' attriċi sabiex tħallas lill-konvenuta d-danni hekk likwidati .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-tnax (12) ta' Novembru ta' l-elfejn u wieħed (2001) u ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata f'Lulju ta' elfejn u tnejn (2002) u bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi .

Is-soċjeta' attriċi hija mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tiġi nġunta .

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess soċjeta' konvenuta maħlufa minn Joseph Scicluna .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur nomine għal din il-kontro-talba li biha eċċepixxa illi :

1. Illi ma jeżistux l-elementi rikjesti biex issir ir-Rikonvenzjoni mis-soċjeta' konvenuta peress illi t-talba ta' l-eċċipjenti nomine ma hijiex konnessa mat-talbiet tas-soċjeta' konvenuta kif jirrikjiedi l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 .

2. Illi bla preġudizzju għall-premess it-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjeta' konvenuta jinsabu

preskritti bid-dekors ta' sentejn a baż ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 .

3. Illi wkoll bla preġudizzju għas-suespost il-Kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha peress illi l-verniċ reklamat mill-eċċipjenti nomine, ordnat u konsenjat skond il-fatturi enumerati 572 u 609 datati 29 ta' Settembru, 200 u t-13 ta' Ottubru, 2000 rispettivament, kienu tal-kwalita' pattwita u konsegwentement ma hemmx danni x'jigu likwidati .

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-Liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine minnu maħlufa .

Rat il-verbal tagħha tad-19 ta' Mejju 2006, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur nomine qed jitlob mingħand is-soċjeta' konvenuta l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' żewġ konsenji ta' verniċ ordnati mingħand is-soċjeta' estera Milesi SPA mill-istess soċjeta' konvenuta . Din qed tirrifjuta li tagħmel il-ħlas mitlub minħabba illi allegatament il-merkanzija mibgħuta ma kienitx tal-kwalita' pattwita . Infatti ma waqfitx hemm u permezz tal-kontro-talba tagħha talbet ukoll il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li ssostni li sofriet per konsegwenza tal-materjal ħazin li ġie supplit lilha mid-ditta estera kif rappreżentata .

Irriżulta illi ż-żewġ soċjetajiet kienu stabilew relazzjoni kummerċjali tajba bejniethom sa mis-snin sittin . Għall-bidu kien jinxtara verniċ għall-użu fl-għamara li kienet

tipproduċi kumpanija oħra tal-FXB Group, imma mbagħad twaqqfet is-soċjeta konvenuta bl-intenzjoni speċifika illi timporta dan il-verniċ sew għall-użu tal-kumpaniji tal-FXB kif ukoll sabiex jinbiegħ lill-produtturi oħra ta' l-għamara f'Malta . L-ewwel darba li jidher illi nqala' l-inkwiet bejn iż-żewġ kumpaniji kien għall-ħabta ta' Settembru 1998 meta ċertu Anthony Sammut ilmenta mas-soċjeta' konvenuta li klijent tiegħu ma riedx jaċċetta l-bibien u l-għamara li kien ħadimlu, billi l-lostru li kien applika u li kien inxtara mingħandha, baqa' ma nixifx . Konsegwentement x'ħin kien jintmess bl-idejn kien iħalli l-marki tas-swaba . Wara diversi trattattivi, huwa kien ġie kkumpensat ta' dan mid-ditta estera permezz tas-soċjeta' konvenuta[1] . Inqalgħet ukoll kwistjoni simili meta f'Ottubru ta' l-istess sena soċjeta' oħra tal-FXB Group, "FXB Contracts Limited," ngħatat sub-appalt mingħand id-ditta Joinwell sabiex taħdem kwantita' ta' bibien u siġġijiet għall-lukanda Hilton . Għal dan ix-xogħol intuża lostru supplit lilha mis-soċjeta' konvenuta, u li kien ġie importat mingħand il-Milesi SPA ukoll. Bħal fil-każ ta' qabel, kien hemm numru konsiderevoli mill-bibien li l-lostru tagħhom ma setgħax jinxef u d-dirigenti tal-lukanda nsistew illi dawn kellhom jinbidlu . Din id-darba l-partijiet ma rnexxielhomx jaslu għal soluzjoni bonarja dwar x'seta' jsir biex is-soċjeta' konvenuta tiġi kkumpensata għad-danni li qalet li ġarrbet minħabba dak li ġara . Billi għalhekk is-soċjeta' konvenuta ppretendiet illi kellha tieħu hi mingħand il-Milesi, rrifjutat illi tħallas il-bilanċ li kien għadu pendenti . Ir-relazzjonijiet bejn iż-żewg soċjetajiet kummerċjali nqatgħu u ġew segwiti bil-kawża preżenti[2] .

L-attur nomine qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ dovut fuq iż-żewġ fatturi ndikati fiċ-ċitazzjoni . Dawn il-fatturi huma datati d-29 ta' Settembru 2000 u 13 ta' Ottubru 2000 rispettivament[3] . Jirrizulta mix-xhieda sew ta' Martin Galea, managing director ta' Joinwell Group,[4] kif ukoll minn dik ta' Iro Bezzina, direttur tas-soċjeta' konvenuta,[5]

---

[1] Ara affidavit tieghu a fol . 110 - 111 .
[2] ara affidavit ta' Joseph Borg a fol. 54 - 58 .
[3] Dokti. A u B a fol. 6 u 7 tal-process .
[4] ara affidavit tiegħu ppreżentat mis-soċjeta' konvenuta permezz ta' Nota fis-7 ta' Marzu 2006 .
[5] ara kontro-ezami tiegħu tat-28 ta' April 2006. .

illi l-bibien tal-lukanda Hilton kienu ġew konsenjati fis-sena 1999 u għalhekk żgur illi ma setgħax sar użu mill-verniċ ordnat permezz tal-fatturi in kwistjoni fix-xogħol tal-Hilton . Ma nġiebet ebda tip ta' prova illi dan il-verniċ ukoll kien difettuż, u għalhekk ir-rifjut ta' pagament minħabba li l-materjal konsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita ma tistax tkun ġustifikata . L-argument propost mis-soċjeta' konvenuta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha illi hawnhekk għandhom japplikaw il-prinċipji tal-*account current*, billi hija kienet tħallas għad-diversi ordnijiet magħmula lill-Milesi permezz ta' pagamenti regolari akkont u mhux bilfors għal xi fattura partikolari, ma jreġix . Dan għaliex ġialadarba qed jintalab il-ħlas għal żewġ fatturi speċifiċi, il-prova dwar in-nuqqas fil-kwalita' trid tirreferi għall-materjal konsenjat permezz ta' dawk il-fatturi biss u mhux għal xi materjal ieħor li kien ġie konsenjat preċedentement . Il-bilanċ tal-pagament dovut skond ma jirriżulta mill-fatturi esebiti u l-kont relattiv mibgħut ukoll lis-soċjeta' konvenuta, huwa komplessivament għall-ekwivalenti fi flus korrenti ta' 42,804,932 liri taljani[6] . Dan huwa appuntu l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talba attriċi m'għandhiex tintlaqa' . L-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta f'dan ir-rigward huma konsegwentement kollha respinti .

Niġu issa għall-kontro-talba ta' l-istess soċjeta' konvenuta . Permezz tagħha qed titlob il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni allegatament ikkaġunati lilha per konsegwenza tal-materjal ħażin supplit mill-Milesi . Għal din it-talba l-attur nomine eċċepixxa preliminarjament illi ma jeżistux l-elementi meħtieġa biex issir rikonvenzjoni, billi t-talbiet mhumiex konnessi . Ir-rikonvenzjoni hija regolata bl-artikolu 396 tal-Kap. 12 . Skond il-ġurisprudenza reċenti in materia :

"… *minn dan l-artiklu jirriżulta li l-leġislatur kien liberali sew, u l-intenzjoni tiegħu kienet mhux biss li tiġi eliminata l-obbligazzjoni attriċi, jew ikkompensata, iżda ukoll jekk id-domandi attriċi jiġu b'kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati .*

[6] Dok. C anness maċ-ċitazzjoni a fol. 8 tal-process

*Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex żewġ kawżi bejn l-istess partijiet jinstemgħu fi proċess wieħed, u b'hekk jiġu evitati multipliċita' ta' kawżi bejn l-istess persuni, l-interpretazzjoni tal-istess artikolu għandha tkun waħda estensiva, imbasta l-bażi tal-istess tiġi rispettata u mhux żnaturata .*

*Illi għalhekk fl-interpretazzjoni tal-fondi ta' oriġine tal-istess kontro-talba, u ċioe' l-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn għandhom dejjem jiġu interpretati fil-kumpless ta' ċirkostanzi li jagħtu ħajja għal-kawża u li jifformaw il-bażi tal-litigazzjoni . Dan tant huwa minnu li l-leġislatur permezz tas-subartikolu (2) jestendi l-istess għal kull mezz li bih l-azzjoni tiġi estinta, jew l-effetti tagħha jiġu newtraliżżati .*

*Illi dan kollu għaliex* ***'la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi****.' (Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et - P.A. : 15.5.1998) .*

*Illi konsistentement mal-premess, ġew ammessi kontro-talbiet anke meta l-azzjoni attriċi hija waħda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eċċezzjonijiet li l-istess kawża timponi u dan proprju abbażi tal-artikolu 396(2), (Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et. 4.12.1998) .*

*Illi dan kollu huwa konformi mal-ġurisprudenza preżenti li biha l-formaliżmu esaġerat għandu jiġi eliminat għal kollox, b'dan li wieħed għandu jagħti ħafna aktar importanza għas-sustanza milli għall-forma, u għandu jsir kull tentattiv sabiex jiġu salvati l-atti ġudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intiżi għal tali skop u in effetti ikkanoniżżaw il-ġurisprudenza moderna u konstanti tal-aħħar snin*." [7]

---

[7] Prim'Awla : 6.3.2003 : Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia; ara wkoll Appell : 28.11.1988 Dr. David Tonna noe. vs Boris Arcidiacono noe.; Qorti tal-Kummerc : 18.3.1994 : Edgar Camilleri noe. vs David

Huwa minnu illi fil-każ in eżami, għalkemm għandna l-istess żewġ partijiet sew fiċ-ċitazzjoni w anke fil-kontro-talba, il-*causa* mihiex neċessarjament l-istess waħda għax, filwaqt illi ċ-ċitazzjoni tirreferi speċifikament għal żewġ fatturi partikolari, il-kontro-talba mhux bilfors limitata għall-materjal fornit permezz ta' dawk il-fatturi, imma dejjem jikkonċerna negozju ta' xiri ta' verniċ li kien isir b'mod regolari mingħand il-Milesi SPA . Għalhekk, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-kontro-talba tidher li saret korrettement u din l-ewwel eċċezzjoni għaliha hija respinta .

L-attur nomine jeċċepixxi wkoll il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 . Din tirreferi għal talbiet għall-ħlas tad-danni mhux ikkaġunati b'reat . Is-soċjeta' konvenuta targumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi din l-eċċezzjoni mhix applikabbli għal każ in eżami, u li għall-kuntrarju huwa rilevanti l-artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili . Imma dan l-artikolu ta' l-aħħar japplika fir-rigward ta' " … **azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt**." Hawnhekk pero' l-kontra-talba tirreferi biss għall-ħlas tad-danni u la għandna talba għat-tnaqqis fil-prezz u lanqas għar-rexissjoni tal-kuntratt . Il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 fuq imsemmi, ġiet għalhekk validament mogħtija mill-attur nomine . Din hija preskrizzjoni ta' sentejn . Irriżulta, kif ġia ngħad, illi x-xogħol tal-Hilton mogħti bis-subappalt lis-soċjeta' konvenuta kien ġia tlesta kollu fis-sena 1999 . Skond Martin Galea tal-Joinwell, s-soċjeta' li ħadmet il-bibien, l-FXB Contracts Limited, ġiet infurmata mmedjatament bil-problema[8]. Naturalment is-soċjeta' konvenuta, sussidjarja oħra ta' l-FXB Group, saret taf ukoll b'din il-problema fl-istess żmien . Imma l-kawża preżenti ġiet intavolata fl-1 ta' Lulju 2002, u l-unika ittra uffiċċjali li jidher li saret (għalkemm ma tressqet ebda prova dwarha), giet mibghuta wkoll fl-istess xahar[9] . Ġialadarba ma jirriżultax illi kien hemm interruzzjoni tal-perijodu ta' din il-

Cilia; u Appell : 22.11.2002 : Gasan Insurance Agenncy Ltd. vs Simon Soler et.;

8 ara affidavit ta' Martin Galea gia ndikat .

9 ara kontro - talba tas-soċjeta' konvenuta .

preskrizzjoni, l-eċċezzjoni għandha tintlaqa' u konsegwentement il-kontro-talba ma tistax tirnexxi .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi :

**A. dwar iċ-ċitazzjoni**, billi tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur nomine is-somma ta' disat elef ħames mija sebgħa u tmenin liri maltin u sitta u ħamsin ċenteżmi (Lm 9587.56c) **(N.B. kull euro jiswa 0.4293 cents)** ekwivalenti għal tnejn u għoxrin elf, tlett mija tlieta u tletin euros (Euro 22,333), ġia liri taljani 42,804.932, skond ma jirriżulta mill-kont esebit bħala Dok. C anness maċ-ċitazzjoni .

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tad-29 ta' Ottubru 2001, tal-mandat ta' Sekwestru preżentat kontestwalment mal-kawża, u bl-imgħax legali mit-13 ta' Jannar 2001, id-data ta' l-iskadenza tat-tieni fattura (Dok. B), kontra s-soċjeta' konvenuta .

**B. dwar il-kontro-ċitazzjoni** billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-attur nomine dwar il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16, tiċħad l-istess kontro-talba, bl-ispejjeż tagħha wkoll kontra s-soċjeta' konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------